

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 532/2012

tal-21 ta' Ġunju 2012

li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrati għall-Iżrael fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1), u l-Artikolu 24(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bzieċaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi regoli għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bzieċaq tal-awrina u msaren ittrattati, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.

⁽³⁾ ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.

⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

(2) Il-Parti 2 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni tistipula lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, minn fejn tiġi awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti, li huma soġġetti għal trattamenti differenti elenkati fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.

(3) L-Iżrael huwa elenkat fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala pajjiż awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bzieċaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem miksuba minn laħam tat-tiġieġ, ratiti mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa slavaġ, li għaddew minn trattament mhux speċifiku, li għalih l-ebda temperatura minima mhi speċifikata ("trattament A").

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja ⁽⁵⁾ jistabbilixxi li l-prodotti koperti b'dak ir-Regolament jistgħu biss jiġu importati fl-Unjoni jew jgħaddu tranżitu minnha mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kumpartimenti elenkati fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella tal-Parti 1 fl-Anness I tiegħu.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistipula wkoll il-kundizzjonijiet għal pajjiżi terzi, territorju, żona jew kumpartiment li għandhom jiġu kkunsidrati bħala ħielsa mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja f'dak ir-rigward għall-prodotti maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni.

(6) L-Iżrael huwa elenkat fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiżi terzi li minnu l-prodotti kollha tat-tjur koperti minn dak ir-Regolament jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni.

⁽⁵⁾ ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

- (7) Fit-8 u d-9 ta' Marzu 2012, l-Iżrael innotifika lill-Kummissjoni b'żewġ tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N1 fit-territorju tiegħu. Minħabba li ġew ikkonfermati t-tifqigħat tal-HPAI, it-territorju tal-Iżrael ma għandux ikompli jitqies bħala ħieles minn dik il-marda. B'konsegwenza ta' dan, l-awtoritajiet veterinarji tal-Iżrael issospendew il-ħruġ ta' ċertifikati veterinarji għall-kunsinni ta' ċerti prodotti tat-tjur mit-territorju kollu tiegħu maħsuba għall-importazzjonijiet fl-Unjoni.
- (8) Bħala konsegwenza ta' dawn it-tifqigħat tal-HPAI, l-Iżrael ma għadux jikkonforma mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem għall-applikazzjoni tat-"trattament A" għall-prodotti tal-laħam u għal stonkijiet, b'żewġ tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem miksba minn laħam tat-tjur, ratiti mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa slavaġ kif elenkat fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE. It-"trattament A" attwali mhuwiex biżżejjed biex jelimina r-riskji għas-saħħa tal-bhejjem marbuta ma' dawk il-prodotti u, għaldaqstant, hekk kif ġiet ikkonfermata l-HPAI l-awtoritajiet veterinarji tal-Iżrael issospendew immedjatament iċ-ċertifikazzjoni għall-prodotti li għaddew minn trattament bħal dan.
- (9) L-Iżrael informa lill-Kummissjoni bil-miżuri tal-kontroll li ttieħdu fir-rigward tat-tifqigħat riċenti tal-HPAI. Din l-informazzjoni u s-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Iżrael ġew ivvalutati mill-Kummissjoni.
- (10) L-Iżrael implimenta politika ta' qerda sabiex jikkontrolla din il-marda u jillimita t-tixrid tagħha. Barra minn hekk, l-Iżrael qiegħed iwettaq ukoll attivitajiet ta' sorveljanza għall-influenza tat-tjur li jidhru li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.
- (11) Ir-riżultat pożittiv tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-miżuri ta' kontroll li ttieħdu mill-Iżrael u s-sitwazzjoni epidemjoloġika f'dak il-pajjiż terz jippermettu li r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tat-tjur fl-Unjoni jiġu limitati għaż-żoni milquta mill-marda, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Iżrael poġġew taħt restrizzjonijiet veterinarji. Ir-restrizzjonijiet fuq dawn l-importazzjonijiet għandhom japplikaw matul perjodu ta' tliet xhur sat-22 ta' Ġunju 2012, wara li jsir tindif u diżinfettar adegwat tal-istabbilimenti li qabel kienu infettati, dejjem jekk is-sorveljanza tal-influenza tat-tjur tkun saret mill-Iżrael matul dak il-perjodu.
- (12) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE telenka t-territorji jew il-partijiet tat-territorji ta' pajjiżi terzi li għalihom tapplika r-reġjonalizzazzjoni minħabba raġunijiet tas-saħħa tal-bhejjem. Għaldaqstant, għandha tiddaħħal annotazzjoni għall-Iżrael f'dik it-tabella, li tindika ż-żona fl-Iżrael li hija affettwata mit-tifqigħat tal-HPAI tat-8 u d-9 ta' Marzu 2012.
- (13) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata wkoll sabiex tipprevedi għat-trattament adegwat ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'żewġ tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem miksba minn laħam tat-tjur, ratiti mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa slavaġ li joriġinaw miż-żona fl-Iżrael affettwata minn dawk it-tifqigħat.
- (14) Barra minn hekk, l-annotazzjoni għall-Iżrael fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha tiġi emendata sabiex iżżid żona bil-kodiċi IL-4 li tiddekrivi dik il-parti tal-Iżrael li fiha hemm ir-restrizzjonijiet għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tat-tjur fir-rigward tat-tifqigħat riċenti tal-HPAI tat-8 u d-9 ta' Marzu 2012. Id-"dati ta' ftuħ" u "dawk ta' għeluq" tat-8 ta' Marzu 2012 u tat-22 ta' Ġunju 2012 rispettivament għandhom ikunu indikati fil-kolonna 6 A u 6B għaż-żona koperta minn dak il-kodiċi.
- (15) Barra minn hekk, wara li fl-2011 kien hemm tifqigħa ta' HPAI, l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tat-tjur mill-Iżrael lejn l-Unjoni ġew ipprojbti permezz tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2011⁽¹⁾. Id-"data ta' għeluq" tat-8 ta' Marzu 2011 indikata fil-kolonna 6 A għaż-żona fl-Iżrael koperta mill-kodiċi IL-3 fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, relatata ma' dik it-tifqigħa għandha titħassar peress li għadha l-perjodu ta' 90 jum li matulu l-prodotti li ġew immanifatturati qabel dik id-data jkunu jistgħu jiġu importati.
- (16) Id-Deċiżjoni 2007/777/KE u r-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.
- (17) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 113, 3.5.2011, p. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE hu emendat kif ġej:

(1) fil-Parti 1, l-annotazzjoni l-ġdida li ġejja għall-Iżrael tiddaħħal wara l-annotazzjoni għaċ-Ċina:

"L-Iżrael	IL		Il-pajjiż kollu
	IL-1	01/2012	Il-pajjiż kollu tal-Iżrael, minbarra ż-żona ta' IL-2 fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja.
	IL-2	01/2012	<p>Iż-żona tal-Iżrael bejn dawn il-konfini li ġejjin fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-konnessjoni tal-konfini tal-Awtorità Iżraeljana-Palestinjana (l-Istrixxa ta' Gaża) mal-konfini tal-Iżrael-Eġittu. — Lejn in-Nofsinhar fuq il-konfini tal-Iżrael-Eġittu sa latitudni 31° 06' N. — Lejn il-Lvant fuq latitudni 31° 06' N sa lonġitudni 34° 26' E. — Linja dritta lejn it-Tramuntana sal-konnessjoni Nassi (konnessjoni tar-rotot 264 u 25). — Ir-rotta 264 lejn it-Tramuntana sal-konnessjoni Bet Kama (konnessjoni tar-rotot 264 u 40). — Lejn il-Lvant fuq latitudni 31° 27' N sa lonġitudni 34° 52' E. — Lejn it-Tramuntana fuq lonġitudni 34° 52' E sar-rotta 353. — Linja dritta sakemm jiltaqgħu r-rotta 40 u latitudni 31° 40' N. — Lejn il-Punent fuq latitudni 31° 40' N sal-baħar. — Lejn in-Nofsinhar fuq il-kosta Meditteranja sal-konfini tal-Awtorità Iżraeljana-Palestinjana (l-Istrixxa ta' Gaża). — Lejn in-Nofsinhar fuq il-konfini tal-Awtorità Iżraeljana-Palestinjana (l-Istrixxa ta' Gaża)."

(2) fil-Parti 2, l-annotazzjoni għall-Iżrael hija sostitwita b'dan li ġej:

"IL	L-Iżrael IL	B	B	B	B	XXX	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX
	L-Iżrael IL-1	XXX	XXX	XXX	XXX	A	A	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	A	XXX
	L-Iżrael IL-2	XXX	XXX	XXX	XXX	D	D	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	D	XXX"

ANNEX II

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-annotazzjoni għall-Iżrael hija sostitwita b'dan li ġejj:

"IL – L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E						S4	
	IL-1	Iż-żona fl-Iżrael minbarra IL-2, IL-3 u IL-4	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N			A		S5, ST1
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					
	IL-2	Iż-żona fl-Iżrael bejn il-konfini li ġejjin: — lejn il-Punent: it-triq numru 4. — lejn in-Nofsinhar: it-triq numru 5812 konnessa mat-triq numru 5815 — lejn il-Lvant: il-ħajt ta' sigurtà sat-triq numru 6513. — lejn it-Tramuntana: it-triq numru 6513 sal-konnessjoni mat-triq numru 65. Minn dan il-punt f'linja dritta sad-daħla ta' Givat Nili u minn hemm f'linja dritta sal-konnessjoni tat-toroq 652 u 4.	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N, P2		1.5.2010	A		S5, ST1
			WGM	VIII	P2		1.5.2010			
			POU, RAT		N, P2		1.5.2010			
	IL-3	Iż-żona fl-Iżrael bejn il-konfini li ġejjin: — lejn it-Tramuntana: it-triq numru 386 sal-konfini muniċipali ta' Ġerusalem, ix-xmara Refaim, il-konfini l-antika bejn l-Iżrael u l-Ġordan ("linja ħadra") — lejn il-Lvant: it-triq numru 356 — lejn in-Nofsinhar: it-toroq numru 8670, 3517 u 354: — lejn il-Punent: linja dritta lejn it-Tramuntana sat-triq numru 367, li ssegwi t-367 lejn il-Punent u mbagħad lejn it-Tramuntana sat-triq numru 375 u lejn il-Punent tar-raħal ta' Matta f'linja lejn il-Grieg it-Tramuntana sat-triq numru 386.	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N, P2		14.6.2011	A		S5, ST1
			WGM	VIII	P2		14.6.2011			
			POU, RAT		N, P2		14.6.2011			

IL-4	<p>Iż-żona fl-Iżrael bejn il-konfini li ġejjin:</p> <p>— Il-konnessjoni tal-konfini tal-Awtorità Iżraeljana-Palestinjana (mal-konfini tal-Iżrael-Eġittu.</p> <p>— Lejn in-Nofsinhar fuq il-konfini tal-Iżrael-Eġittu sa latitudni 31° 06' N.</p> <p>— Lejn il-Lvant fuq latitudni 31° 06' N sa lonġitudni 34° 26' E.</p> <p>— Linja dritta lejn it-Tramuntana sal-konnessjoni Nassi (konnessjoni tar-rotot 264 u 25).</p> <p>— Ir-rotta 264 lejn it-Tramuntana sal-konnessjoni Bet Kama (konnessjoni tar-rotot 264 u 40).</p> <p>— Lejn il-Lvant fuq latitudni 31° 27' N sa lonġitudni 34° 52' E.</p> <p>— Lejn it-Tramuntana fuq lonġitudni 34° 52' E sar-rotta 353.</p> <p>— Linja dritta sakemm jiltaqgħu r-rotta 40 u latitudni 31° 40' N.</p> <p>— Lejn il-Punent fuq latitudni 31° 40' N sal-baħar.</p> <p>— Lejn in-Nofsinhar fuq il-kosta Mediterranja sal-konfini tal-Awtorità Iżraeljana-Palestinjana (l-Istrixxa ta' Gaża).</p> <p>— Lejn in-Nofsinhar fuq il-konfini tal-Awtorità Iżraeljana-Palestinjana (l-Istrixxa ta' Gaża).</p>	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N, P2	8.3.2012	22.6.2012	A		S5, ST1"
		WGM	VIII	P2	8.3.2012	22.6.2012			
		POU, RAT		N, P2	8.3.2012	22.6.2012			